MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2481/2003

**Gasan Mamo Insurance Limited C3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Falcar Limited skond il-ligi u l-polza (Claim Nru A035043)**

**Vs**

**Central Marine Limited C4135**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm221.44c) rapprezentanti nuqqasijiet fuq konsenja ta' *25 cartons* ta' *car stereo equipment* fuq zewg *pallets*.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta tghid illi mhix responsabbli ghan-nuqqasijiet imsemmija fit-talba tas-

socjeta' attrici ghaliex mil-mod kif giet *shrink wrapped* il-merkanzija, din giet spedita fl-istat li nstabet, u li n-nuqqasijiet kienu diga' jezistu meta giet *shrink wrapped* il-merkanzija barra minn Malta mid-ditta speditrici.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Samantha Mifsud li hija fizjal mad-Dwana fejn tikkonferma li kien hemm erba' affarijiet nieqsin mill-merkanzija tas-socjeta' attrici. Mifsud tghid li kienet ghand is-Central Marine Limited meta ccekjat din il-merkanzija.

Ra x-xhieda ta' Jean-Pierre Zammit li huwa Claims Handler mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li s-socjeta' attrici hallset is-somma mitluba fl-Avviz lis-socjeta' mportatrici. Jghid li n-nuqqasijiet kienu ta' *412.5 Sterling* izda meta jigu biex jissettiljaw il-*claim* jinkludu l-*freight* u l-profitt. Jghid ukoll illi s-socjeta' attrici hallset lill-assigurat taghha aktar mill-attwali valur ta' l-i*stereos* skond l-*invoice*.

Ra l-Affidavit ta' Jonathan Falzon li huwa General Manager mas-socjeta' Falcar Limited fejn jikkonferma n-nuqqasijiet fuq konsenja ta' *car stereos* u *equipment*.

Ra x-xhieda ta' Pawlu Muscat prodott mis-socjeta' konvenuta, fejn jahdem bhala Bond Operator. Muscat jikkonferma li kien hemm zewg *pallets shrink wrapped* b'iswed ta' Falcar Limited. Jghid li x-*shrink wrap* inqatghet fil-prezenza ta' kulhadd. Jikkonferma wkoll li kien hemm erba' *items* nieqsin.

Ra x-xhieda ta' Mario Tellus li jahdem bhala Operations Manager mas-socjeta' konvenuta fejn jghid li l-kontejner kien infetah minn agent iehor li f'dak il-kaz kien ta' Gollcher.

Tellus jghid illi ma kienx prezenti waqt it-trasferiment tal-merkanzija mill-*bond* ta' Gollcher ghas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk hu qed jispjega biss x'inhi l-procedura normali.

Tellus jghid ukoll li fil-kontejner ta' Gollcher ikun hemm hafna xoghol ta' klijenti differenti u ghalhekk jghid li Gollcher jifthu l-imsemmi kontejner. Jghid li fid-dokument li esebixxa m'hemm l-ebda rimarka dwar nuqqasijiet jew hsara. Jghid li s-socjeta' konvenuta ffirmat formola meta hadet il-merkanzija minghand Gollcher sabiex jikkonfermaw l-istat li jircievu l-istess merkanzija. Il-merkanzija giet ikkonsenjata lil Falcar Limited a bazi ta' din il-formola.

Jikkonferma li Falcar Limited kienu gew ghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk huma kienu responsabbli sabiex igibu l-merkanzija fi stat tajjeb.

**Ikkunsidra**

Li s-socjeta' Falcar Limited taw inkarigu lis-socjeta' konvenuta sabiex iwasslu f'Malta diversi *car stereos* u *equipment* iehor. Bhala fatt mhux ikkontestat Falcar Limited irceviet il-merkanzija b'nuqqasijiet. Mhux ikkontestat li s-socjeta' attrici hallset lil Falcar Limited u giet surrogata fid-drittijiet taghha.

Is-socjeta' konvenuta qieghda tissottometti li hi m'hijiex responsabbli billi mill-*packing* huwa ovvju li l-merkanzija giet spedita fl-istat li nstabet.

L-obbligu tas-socjeta' konvenuta kien sabiex tittrasporta l-merkanzija. Ghalhekk it-Tribunal irid jara jekk is-socjeta' konvenuta kellhiex l-obbligu li tigbor certu ammont ta' *items* u twassal dawn l-*items* hawn Malta jew kellhiex l-obbligu li tigbor *package* u twassal l-istess *package* minghajr ma tivverifika x'fih. Illi skond Jonathan Falzon is-socjeta' Falcar Limited talbet lis-socjeta' konvenuta sabiex twassal diversi *stereos* u *equipment* iehor skond fattura. Illi ghalhekk kien l-obbligu tas-socjeta' konvenuta li tassigura li fil-fatt hi (jew Gollcher) li giet imqabbda minnha, twassal dawn l-*items* skond il-fattura. Is-socjeta' konvenuta giet imqabbda mis-socjeta' Falcar Limited u kellha d-dover li tesegwixxi l-obbligi taghha u ma tistax tuza l-iskuza li hi ma vverifikatx jekk fil-*package* kienx hemm il-merkanzija li hi kellha d-dover li tittrasporta.

Billi jirrizulta li bhala fatt is-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja dawn l-*items* hi responsabbli ghad-danni. Fil-fatt fil-EUR1 (a fol 21 tal-process) hemm nota li hemm *25 boxes in two pallets – car stereo equipment*. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta gabet Malta biss wiehed u ghoxrin kaxxa (JF3).

L-ammont ta' danni mhux ikkontestat u jidher ragunevoli.

Ghalhekk jichad ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm221.44c) bl-ispejjez u bl-imghax mill-15 ta' Dicembru, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------